18 ta' April, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President.*

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppe Borg ne. *versus* Algernon Crockford ne.

**Karrozza — "Impressment" — Danni — Forza Maġġuri — "Skid" — Kondizzjoni tat-Tyres — "Inevitable Accident"— Gvern — Impjegat — "Culpa in Eligendo" — Proklama nru. I ta' l-1815.**

*Meta karrozza tiġi "impressed", l-awtorità li magħha l-karrozza hija "impressed" għandha l-obligu li matul dak l-"impressment" tuża dik il-karrozza bħala "bonus pater familias", u li, meta jispiċċa l-"impressment", tikkonsenja lura l-karrozza lil sidha fi stat ordinarju tajjeb; b'mod li hija tkun responsabili ta' kull ħsara li tiġri fil-vejikolu waqt dak l-"impressment", sakemm dik il-ħsara tkun saret bi ħtija ta' l-awtorità.*

*Imma jekk il-ħsara tkun saret minħabba forza maġġuri, l-istess ħsara għandu jbatiha sid il-karrozza; b'dan però illi l-piż tal-prova li l-ħsara saret minħabba forza maġġuri jaqa' fuq l-awtorità.*

*Li "skid", bħala tali, ma jeskludix responsabilitajiet; u għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk l-istess "skid", f'kull każ in partikulari, kienx dovut għall-ħtija ta' xi ħadd, kif ukoll jekk setax jiġi evitat jew korrett; għax li "skid" jista' jkun ukoll provokat mill-mod kif wieħed isuq, billi d-driver ma jkunx ħa l-prekawzjonijiet neċessarji li ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li jkun jinsab fihom ikunu jirrikjedu. Li "skid" huwa ċirkustanza newtra, għax jista' jkun l-effett ta' negliġenza preċedenti, jew negliġenza ta' "third party", jew dovut għal aċċident inevitabili.*

*Il-kondizzjoni tat-"tyres" tinfluwixxi biss fis-sens li meta dawn jibdew isiru daqsxejn lixxi, id-driver, fost kawteli oħra li għandu jieħu meta jkun isuq fuq art imxarrba jew umida, għandu jqis ukoll ir-riskju akbar ta' "skidding" minħabba li t-tyres ikunu*

*f'dik il-kondizzjoni; imma jekk id-driver ikun ħa l-kawteli kollha u ma jkunx ikkommetta ebda imprudenza fis-sewqan, li "skidding" ikun aċċidentali, bit-tyres lixxi b'kollox.*

*Il-Gvern, bħala awtorità li magħha tkun "impressed" il-karrozza, mhux responsabili jekk ma jkollux "culpa in eligendo", jew jekk ma jkunx għamel użu mill-karrozza (anki per mezz ta' l-impjegat tiegħu) li ma kienx dak li għandu jagħmel il-"bonus pater familias". Ebda att ta' persuna fis-servizz ma tobliga lill-Gvern jekk ma jiġix pruvat li dak l-att kien ġej mill-Gvern innifsu, u li dik il-persuna li aġixxiet kellha l-awtorizzazzjoni mill-Gvern bil-miktub għal dak l-att; u għalhekk il-fatt li xi impjegat tal-Gvern joffri somma ta' flus lil min sofra l-ħsara f'karrozza li kienet "impressed" ma jirrendix responsabili l-Gvern għal dik il-ħsara.*

*Fil-każ preżenti, ġie ritenut li l-ħsara fit-truck li kien "impressed" ġiet kaġunata b'effett ta' "skid" li kien aċċidentali, u għaldaqstant kellu jbatiha sid it-truck bħala effett ta' "inevitable accident".*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni preżentata quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta li t-truck "Wyllis" nru. 6056, ta' proprjetà tiegħu, kien "impressed" mill-imsemmi Dipartiment, u fil-5 ta' Marzu 1944, wara li kienet ġratlu ħsara konsiderevoli, ġie mogħti lura lill-attur li, bi ftehim ma' l-istess Dipartiment, irriparah in parti; u li meta l-attur ippreżenta l-kontijiet tax-xogħol, il-Dipartiment ma riedx iħallsu s-somma kollha, imma offra somma inferjuri, u għalhekk l-attur talab illi l-ammont tal-kompensazzjoni jiġi regolat mill-Emergency Compensation Board, fejn il-konvenut eċċepixxa li ma kienx responsabili, u għalhekk l-attur, billi ppreferixxa li l-kwistjoni tar-responsabilità tiġi deċiża mill-Qorti ordinarja, irrinunzja għall-attijiet quddiem il-Board; u illi effettivament tal-ħsara huwa responsabili l-konvenut, billi kellu l-użu u l-kustodja tat-truck, u l-ħsara saret waqt li l-konvenut kien qiegħed jagħmel użu mit-truck u in konsegwenza ta' dak l-użu, u ma kienetx inevitabili, u minħabba l-imprudenza u l-imperizja tan-nies inkarikati mill-konvenut; talab li l-konvenut jiġi dikjarat responsabili tal-ħsarat, u li jiġi kundannat iħallas l-istess ħsarat, li jiġu likwidati mill-Emergency Compensation Board. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re tat-8 ta' Jannar 1951, li biha ġie dikjarat li l-konvenut mhuwiex responsabili tad-danni li sofriet it-truck jew il-van ta' l-attur, billi l-istes danni ġew kaġunati b'każ fortuwitu, u f'dan is-sens irrespinġiet it-talba ta' l-attur, spejjeż minghajr taxxa; billi kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma dawn: Fil-5 ta' Marzu 1944, f'xi t-8.30 a.m., Carmelo Aquilina, driver debitament liċenzjat, li kien impjegat f'din il-kwalità mal-Milk Marketing Undertaking, dirett mill-konvenut nomine, waqt li kien isuq van jew truck nru. 6056 u hiereġ mill-Mellieħa, u qiegħed biex jaqbad l-ewwel niżla, li għandha kurva ħafifa, l-istess truck bdiet tiskiddja, għaliex it-triq kienet imxarrba bix-xita ħafifa li kienet għamlet ftit qabel, u wara li mxiet ftit hekk skiddjata għal ċertu tul, spiċċat biex telgħet l-arġini, għoli xi għaxar pulzieri — jew aħjar dan l-arġini ċeda — li hemm f'dik il-parti tat-triq fuq ix-xelliug ta' min ikun nieżel minn naħa tal-Meħħiela, u nqalbet għal isfel ġewwa r-raba', u b'hekk, fost ħsarat oħra li ġraw, ġrat ħsara fl-istess truck;

Illi l-attur, bħala proprjetarju ta' dak it-truck, jitfa r-responsabilità ta' dik il-ħsara fuq il-konvenut, li mid-Dipartiment minnu dirett kienet "impressed" dik it-truck misjuqa minn Aquilina, billi jippretendi li l-konvenut kellu l-użu u l-kustodja tat-truck, u l-ħsara ġrat waqt li l-konvenut kien qiegħed jagħmel dak l-użu u in konsegwenza ta' dak l-użu, u l-inċident ma kienx inevitabili, imma sar minħabba l-imperizja u l-imprudenza fis-sewqan ta' Aquilina, persuna inkarikata bħala driver mill-konvenut. Dan jissottometti illi l-inċident ġara b'kawża fortuwita, u għalhekk jgħid li ma huwiex responsabili ta' ebda ħsara lejn l-attur;

Illi l-ewwel perizja ġudizzjarja eżonerat minn kull responsabilità lill-konvenut, billi rriteniet li l-konvenut irnexxielu jipprova li dak li ġara ma kienx ħtija tiegħu, imma kien pjuttost l-effett ta' forza maġġuri u irreżistibili li għaliha ma għandux jirrispondi. Il-perizja ġudizzjarja addizzjonali, għall-kuntrarju, waslet għall-konklużjoni li l-konvenut huwa responsabili għall-ħsara li ġiet kaġunata fit-truck ta' l-attur;

Illi ma hemmx bżonn jingħad li ladarba t-truck kien "impressed" mal-konvenut, dan kien obligat li matul dak l-"impressment" juża l-istess truck bħala "bonus pater familias", u li meta jispiċċa l-"impressment" jikkonsenja lill-attur dak it-truck fi stat ordinarju tajjeb; b'mod li huwa jkun responsabili ta' kull ħsara li tiġri fit-truck waqt dak l-"impressment", sakemm dik il-ħsara tkun saret bi ħtija tiegħu. U f'dan il-każ il-konvenut qiegħed appuntu jallega li effettivament il-ħsara lamentata mill-attur saret waqt l-"impressment" u normalment huwa responsabili għaliha; fil-każ in ispeċje huwa ma għandux dina r-responsabilità, għaliex dak li ġara kien dovut għal forza maġġuri, u "casus sentit dominus";

Illi, kif tajjeb ġie sottomess mill-perizja addizzjonali, huwa l-konvenut li għandu jipprova l-eżistenza tal-forza maġġuri minnu allegata. Huwa, li għandu jirrestitwixxi lill-attur it-truck ordinarjament fl-istess stat ta' meta ħadu minn għandu, qiegħed issa jirrestitwihulu bil-ħsara, u qiegħed jallega li ma għandux jagħmel tajjeb għal dik il-ħsara għaliex ma ġratx bi ħtija tiegħu. Hu għalhekk kompitu tal-konvenut li jipprova dak li qiegħed jallega — "onus probandi incumbit ei qui dicit". L-attur ma għandux jipprova ħlief li huwa ma tax lill-konvenut it-truck bil-ħsara li kien fiha meta taha l-konvenut, u għalhekk huwa dan li, biex jeħles mir-responsabilità għal dik il-ħsara, irid jipprova li l-istess ħsara ma ġratx bi ħtija tiegħu, imma ġrat, kif jippretendi, b'forza maġġuri b'mod li għandu jsofriha l-istess attur;

Dan il-prinċipju jimmilita b'forza akbar f'dan il-każ, meta l-konvenut qiegħed jallega li l-inċident li ta lok għal dik il-ħsara kien, kif sejjer jingħad, "skid"; għaliex "skids are likely to occur at any time in a wet road........... The Courts in such cases tended to throw on the driver the onus of explaining the accident, and in the absence of such explanation, or in the case of an unsatisfactory explanation, the tendency is to hold him responsible" (Terrel, The Law of Running-down Cases, page 7);

Illi l-konvenut jallega illi l-kawża ta' l-inċident kienet dik ta' "skid". Dina mhijiex weħedha raġuni għaliex il-konvenut għandu jiġi eżonerat minn kull ħtija — "a defence of

skidding.............. is usually a ground of argument, rather than a defence of much reliability" (Bingham, Motor Claims Cases, p. 119); u kif ingħad aktar 'il fuq, "in the absence of satisfactory explanation, the tendency is to hold him (id-driver) responsible" (Terrel, loc. cit.). Għalkemm fil-każ Wing vs. L.G.O.C." (1909—2 K.B. 652 Vaughan Williams u *Fletcher Moulton JJ.) irritenew illi "an accident resulting* from the tendency of motor omnibuses, however well constructed and designed, to skid is no evidence of negligence" (Terrel, loc. cit., p. 12), b'dan kollu Fletcher Moulton J. osserva illi "exceptional cases may occur in which the peculiar *nature of the accident may throw light upon the question* on whom the responsibility lies............." (Terrel, p. 13); u hekk jidher illi li "skid" bħala tali ma jeskludix responsabilitajiet, imma hemm bżonn li jiġi eżamminat jekk l-istess "skid" *f'kull każ in partikulari kienx dovut għall-ħtija* ta' xi ħadd, kif ukoll jekk setax jiġi evitat jew almenu korrett;

F'dan ir-rigward osservat tajjeb l-ewwel perizja li l-origini ta' li "skids" huma diversi, u bħal ma jistgħu jkunu *aċċidentali, jistgħu* wkoll 'kunu *provokati* mill-mod kif wieħed isuq, billi d-driver ma jkunx ħa l-prekawzjonijiet neċessarji li ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li jkun jinsab fihom ikunu jirrikjedu. Hekk dik il-perizja enumerat il-kawżi soġġettivi, dawk jiġfieri kagunati minn min ikun isuq, kif ukoll il-kawżi oġġettivi, jew dawk li jiddependu mill-kondizzjonijiet speċjali tat-triq;

Illi l-ewwel perizja eżonerat minn kull ħtija lid-driver tat-truck fuq imsemmi fuq il-konsiderazzjonijiet hemm indikati, *jiġifieri għaliex ma* dehrilhiex li kienu jirrikorru f'dak id-driver il-kawżi soġġettivi li għalihom huwa seta' jkun tenut għal dik li "skid", li saret, skond l-istess perizja, minħabba kawżi oġġettivi biss; għaliex issottomettiet li kellha provi li t-truck kien isuq fuq is-side tiegħu, li speed kien moderat ħafna, u miexi bil-makna "geared down". Il-perizja addizzjonali waslet għall-konklużjoni kuntrarja għar-raġuni (1) li ma jidherx li t-truck kien miexi bil-mod, għax f'dan il-każ li "skid" seta' jiġi korrett u t-truck ma kienx jaqbeż l-arġini ga msemmi; (2) li t-truck kellha "tyres" ftit lixxi,

ħaġa li tikkostitwixxi element kolpuż. Il-konklużjoni tal-periti perizjori tinsab imfissra fi ftit kliem mix-xhieda tagħhom stess mogħtija fis-16 ta' Novembru 1951, meta qalu "aħna t-tlieta wasalna għall-konklużjoni..............." Għalhekk irraġuni prinċipali li wasslet it-tieni perizja għall-konklużjoni tagħha hija li, billi t-truck waqa' fir-raba' minn fuq it-triq, probabilment — "aħna ħsibna" — li t-truck kien miexi bi speed qawwi;

Illi billi t-truck qabeż ċint ta' għaxar pulzieri għoli, ma jfisserx bilfors, u f'nuqqas ta' ċirkustanzi oħra, li min kien isuqu kien fi ħtija. "A skid is sufficient explanation to negative the suggestion of want of care in the use of a car mounting the pavement" ( Bingham, loc. cit., p. 120). Fil-każ "Hinton vs. Gilchriot" il-motor tal-konvenut skiddja "very badly" xi 34 jarda minn fejn sar l-inċident, tela' l-bankina, u wara li dam idur ħafna waqaf biss għaliex ġie miżmum minn bieb ta' ħanut, fejn kien hemm tifel ta' l-attur li baqa' mejjet. Wara li l-konvenut ġie misjub ħati mill-Jury, il-County Court irriteniet "that the evidence negatived all suggestion of negligence on the part of defendant, and dismissed the claim" (Terrel, loc. cit., p. 15), billi ġie osservat "that there was abundant evidence that the road was in a greasy condition, likely to be conducive to a skid. There was no evidence of excessive speed, and the driver had not a chance to do anything". Fil-każ in eżami jirriżulta mill-provi li t-truck kien miexi bil-mod, wisq anqas minn dak li jippermettu r-regolament għal dak il-post, u moderat ħafna għaċ-ċirkustanzi ta' l-istat tat-triq, u miexi bil-makna "geared down" — ċirkustanzi dawn rilevati kollha mill-ewwel perizja. Il-periti addizzjonali ma qagħdux fuq il-provi, imma qagħdu biss fuq deduzzjonijiet, billi meta raw it-truck waqa' fir-raba' — għax iċ-ċint ċeda, u mhux għax it-truck qabeż iċ-ċint — huma ħasbu li t-truck kien miexi bi speed eċċessiv għaċ-ċirkustanzi li kien jinsab fihom. Issa f'każi simili, biex tinsab ħtija fid-driver, "there must be reasonable evidence of negligence" (Terrel, loc. cit., p. 14); u provi ta' negliġenza fid-driver Aquilina ma rriżultawx; mhux biss, anzi mill-provi rriżulta li huwa ma seta' jagħmel xejn biex ma jħallix l-inċident jiġri. Hu veru li t-tyres tat-truck jidher li

kienu fit lixxi, imma fiċ-ċirkustanzi tal-każ.........., ma jidherx li dina ċ-ċirkustanza kienet il-kawża diretta, jew almenu kontributorja għal dak li ġara............ Għalhekk jidher ukoll li għandhom jiġu adottati l-konklużjonijiet ta' l-ewwel perizja, bażata fuq *il-provi*, bi *preferenza* għal dawk tal-perizja addizzjonali, *bażati* fuq suppożizzjonijiet u fatti li ma ġewx pruvati; u illi ċ-ċirkustanza li l-konvenut kien offra li jħallas "kumpens" bħala "ex gratia payment" fil-attur ma tfisserx li huwa assuma xi responsabilità. Almenu ma ngiebet mill-attur ebda prova biex tikkorrobora din l-allegazzjoni tiegħu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur tal-15 ta' Jannar 1952;

Rat il-petizzjoni tiegħu li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab ir-revoka tagħha u l-akkoljiment tat-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-konvenut nomine, vvoldiri l-Gvern, jista' jkun responsabili biss jekk mill-parti tiegħu kien hemm "culpa in eligendo", jew inkella jekk, fil-kors taż-żmien li fih it-truck in kwistjoni kien "impressed" mal-Gvern, huwa għamel użu tat-truck (anki permezz ta' impjegati tiegħu) li ma kienx dak li għandu jagħmel il-"bonus pater familias";

Il-fatt li l-konvenut, qabel dawn il-proċeduri, offra somma lill-attur ma jfisser xejn; għaliex skond it-tieni artikolu tal-Proklama Nru. I ta' l-1815 (li għadu in vigore kwantu għall-art. 2 u 3 — ara App. "Desain vs. Forbes", 7. 1. 1935) ebda att ta' persuna fis-servizz ma jivvizzja jedd tal-Kuruna kemm-il darba ma jkunx pruvat li dak l-att kien ġej mill-Gvern innifsu, u li dik il-persuna kellha awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Gvern għal dak l-att. U dan ma ġiex pruvat — appart l-konsiderazzjoni li ħlas simili huwa dak li jissejjaħ "ex gratia payment", bla implikazzjonijiet legali ta' responsabilità;

"Culpa in eligendo" ma kienx hemm, għax jirriżulta li d-driver tat-truck kien persuna debitament liċenzjata;

Jibqa' li jiġi eżaminat jekk kienx hemm sewqan imprudenti tat-truck b'mod li l-użu tiegħu ma jibqax skond id-diliġenza u prudenza ordinarja tal-"bonus pater familias";

In konnessjoni ma' dan il-pont, fl-argumenti tal-partijiet issemmew żewġ ċirkustanzi li għar-rigward tagħhom jeħtieġ li jkun kjarit l-aspett ġuridiku, ċjoè ċ-ċirkustanza ta' li "skid" u l-oħra tal-kondizzjoni tat-tyres;

Kwantu għal li "skid", din per sè hija ċirkustanza newtra, għaliex tista' tkun l-effett ta' negliġenza preċedenti, jew negliġenza ta' "third party", jew dovuta għal aċċident inevitabili;

L-aspett ġuridiku hu korrettament espress minn Charlesworth fil-ktieb "The Law of Negligence", 1947 edit., page 89, fejn jgħid hekk:— "The skid itself is a neutral circumstance, helping neither party. It is no defence to the driver to prove that his vehicle skidded, and equally it is no evidence of negligent driving on his part. The fact of a skid may suggest that the driver was driving too fast or applied his brakes too suddenly having regard to the road conditions prevailing at the time, so as to be evidence of negligence on his part; but the skid may be consistent with the exercise by the driver of all due caution, and may be due either to the negligence of a third party or to inevitable accident";

Kwantu għall-kondizzjoni tat-tyres, din tfisser biss li, meta dawn jibdew isiru daqsxejn lixxi, allura d-driver, fost il-kawteli li jieħu meta jkun qed isuq fuq art imxarrba jew umida, għandu jqis ukoll ir-riskju akbar ta' "skidding" meta t-tyres ikunu f'dik il-kondizzjoni; imma jekk id-driver ikun ħa l-kawteli kollha, u ma jkunx ikkommetta ebda imprudenza fis-sewqan, li "skid" tista' tkun ukoll aċċidentali, bit-tyres lixxi b'kollox;

Ikkunsidrat,;

Huwa veru li l-prova ta' l-"inevitable accident" tmiss lil min jallega dan il-mezz defensjonali; imma huwa ukoll veru li meta ma tinstabx, miċ-ċirkustanzi emersi, ebda ħtija tad-driver, u ma jkunx hemm il-ħtija ta' ħadd ieħor ("third party"), allura jiġi tabilfors li dak li ġara kien "inevitable accident";

Dan hu appuntu l-każ. Id-driver tat-truck, kif juru l-provi, kien qed isuq bil-mod, fuq gear baxx, b'mod li kien hemm "engine brake"; ma jirriżultax li kolpożament qiegħed ruħu f'pożizzjoni li kellu jilwi f'salt jew japplika l-

brakes f'salt — manuvri li kienu jipprovokaw li "skid" bi htija tiegħu; għamel kollox li kien umanament possibili biex il "skid" ma tiġrix. L-unika manuvra li forsi setgħet tevita il "skid" (illi ċjoċ jikser bil-mod il-mod għal nofs it-triq) ma kienetx possibili, għaliex proprju dak il-mument, mid-direzzjoni opposta, kienet tiela karrozza oħra. Bli "skidding" it-truck resqet lejn l-argini tat-triq, u dan l-argini ċeda, u t-truck inqalbet għal isfel;

L-attur ma jistax jieħu ebda argument fil-każ in ispeċje, mill-kondizzjoni tat-tyres. L-ewwelnett, kif ġa ngħad, il-kondizzjoni tagħhom kienet teżiġi prudenza, u din il-prudenza giet adoperata. It-tieni, meta t-truck telaq mid-Depot, għalkemm it-temp kien mgħajjeb, xita ma kienetx, u x-xahar kien Marzu, meta x-xita normalment ma hix prevedibili. It-tielet, anki kieku kienet xita, jew kienet prevedibili, huwa assurd li wieħed jippretendi li fi granet tax-xita l-vejikoli ma għandhomx jiċċirkolaw imma għandhom joqgħodu ġewwa — l-unika ħaġa, li għandhom jiġu misjuqa bil-prudenza. Dan kien aktar veru fl-1944 (l-epoka in kwistjoni), meta wieħed ma tantx seta' jkun partikulari għat-tyres, li kienu ferm skarsi. Ir-raba', għall-manutenzjoni tal-car kien responsabili l-attur, skond it-"terms" ta' l-"impressment";

Il-Qorti għalhekk issib li l-każ ġara minħabba "inevitable accident";

*Għal dawn il-motivi, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;*

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, fil-meritu u fil-kap ta' l-ispejjeż;

L-ispejjeż ta' l-appell jibqgħu għall-kariku ta' l-attur appellant.